VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,673, 4 ta' Novembru, 2016
Taqsima B

A.L. 373 tal-2016

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni tal-2016 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Ordni Nru. 5)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamlet dan l-ordni li ġej:-

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2016 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Ordni Nru. 5).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-Ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet tal-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artikolu 2 ta' dan l-Ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-13 ta' Ottubru, 2016.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-Ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Blokk, magħruf bħala Blokk A6 li jikkonsisti f'sitt *flats*, li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li kien diġà trasferit b'avviż legali preċedenti, fi Triq Santa Katerina, Attard. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ ma' spazju miftuħ pubbliku, mill-Majjistral ma' passaġġ pubbliku u mix-Xlokk ma' passaġġ pubbliku li jagħti għal Triq Santa Katerina. Il-*flat* enumerat 1 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala *Tenement* bin-numru 72734 u l-*flats* enumerati 3 sa 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numru 72736 sa 72739. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 261/77 datat 14 ta' Diċembru 1977 fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK A6" fuq il-pjanta P.D. 2016_0883 (HAA 84/2016).

(2) Dar bin-numru 5, Triq l-Immakulata, Bormla (Tenement Nru. 61671 - HAA 60/2016).

(3) Blokk, magħruf bħala Blokk 10, Entratura 3 li jikkonsisti f'erba' *flats* li jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 63840 sa 63843 u li jeskludi s-sottoswol fi Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ ma'

VERŻJONI ELETTRONIKA

Triq l-Inkurunazzjoni, mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Majjistral ma' Misraħ Gavino Gulia. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjonijiet tal-President 384 u 387 datati 28 ta' Marzu 2012 u bid-Dikjarazzjoni tal-President 63 datata 23 ta' Jannar 2012 u parti mill-proprjetà tinsab fuq art li qabel kienet tifforma parti minn triq pubblika. Il-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2013_716_1 (HAA 64/2013).

(4) Blokk, magħruf bħala Blokk 10, Entratura 6 li jikkonsisti f'żewġ *flats* li jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 63846 u 63847 rispettivament u li jeskludi s-sottoswol fi Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ ma' Triq l-Inkurunazzjoni u mill-Grigal u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjonijiet tal-President 384 u 387 datati 28 ta' Marzu 2012 u bid-Dikjarazzjoni tal-President 63 datata 23 ta' Jannar 2012 u parti mill-proprjetà tinsab fuq art li qabel kienet tifforma parti minn triq pubblika. Il-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2013_716_2 (HAA 65/2013).

(5) Blokk, magħruf bħala Blokk 10, Entratura 9 li jikkonsisti f'erba' *flats* li jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 63850 sa 63853 u li jeskludi s-sottoswol fi Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ ma' Triq l-Inkurunazzjoni u mill-Grigal u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjonijiet tal-President 384 u 387 datati 28 ta' Marzu 2012 u bid-Dikjarazzjoni tal-President 63 datata 23 ta' Jannar 2012 u parti mill-proprjetà tinsab fuq art li qabel kienet tifforma parti minn triq pubblika. Il-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2013_716_3 (HAA 66/2013).

(6) Blokk, magħruf bħala Blokk 10, Entratura 11 sa 13 li jikkonsisti f'żewġ *flats* u żewġ *maisonettes* li jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 63855 sa 63858 u li jeskludi s-sottoswol fi Triq l-Iljun, Bormla. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern, mill-Grigal ma' Triq l-Iljun u mill-Majjistral ma' Misraħ Gavino Gulia. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjonijiet tal-President 384 u 387 datati 28 ta' Marzu 2012 u bid-Dikjarazzjoni tal-President 63 datata 23 ta' Jannar 2012 u parti mill-proprjetà tinsab fuq art li qabel kienet tifforma parti minn triq pubblika. Il-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2013_716_4 (HAA 67/2013).

VERŻJONI ELETTRONIKA

(7) Blokk, magħruf bħala Blokk 6, Entratura 4 li jikkonsisti f'żewġ *flats* li jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 63218A u 63219A rispettivament u li jeskludi s-sottoswol f'Misraħ l-4 ta' Settembru, Isla. Dan il-blokk imiss mix-Xlokk ma' Triq San Ġiljan, mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Majjistral ma' Misraħ l-4 ta' Settembru. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru. 983 datata 11 ta' Novembru 2006 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2016_0877 (HAA 170/2014).

(8) Blokk, magħruf bħala Blokk 6, Entratura 6 li jikkonsisti f'ħames *flats*, li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li kien diġà trasferit b'avviż legali preċedenti, u li jeskludi s-sottoswol f'Misraħ l-4 ta' Settembru u 18, Triq San Ġiljan, Isla. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral parti ma' Misraħ l-4 ta' Settembru u parti ma' proprjetà tal-Gvern, mill-Grigal ma' Triq iż-Żewġ Mini u mix-Xlokk ma' Triq San Ġiljan. Il-*flats* enumerati 1, 2, 3 u 4 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 63221A, 63222A, 63223A u 63224 rispettivament u 18, Triq San Ġiljan, Isla jinsab reġistrat mal-Gvern bħala *Tenement* bin-numru 63242. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru. 983 datata 11 ta' Novembru 2006 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2016_0877_1 (HAA 171/2014).

(9) Blokk, magħruf bħala Blokk 6, Entratura 11 li jikkonsisti f'ħames *flats* f'Misraħ l-4 ta' Settembru u 17, Triq il-Kunċizzjoni, Isla. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ parti ma' Misraħ l-4 ta' Settembru u parti ma' proprjetà tal-Gvern, mill-Grigal ma' Triq iż-Żewġ Mini u mill-Majjistral ma' Triq il-Kunċizzjoni. Il-*flats* enumerati 1 sa 5 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 63230 sa 63234 u 17, Triq il-Kunċizzjoni, Isla jinsab reġistrat mal-Gvern bħala *Tenement* bin-numru 63241. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru. 983 datata 11 ta' Novembru 2006 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2016_0877_2 (HAA 172/2014).

(10) Blokk, magħruf bħala Blokk 6, Entratura 13 li jikkonsisti f'żewġ *flats* li jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 63236 u 63237 rispettivament f'Misraħ l-4 ta' Settembru, Isla. Dan il-blokk imiss mix-Xlokk ma' Misraħ l-4 ta' Settembru, mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Majjistral ma' Triq il-Kunċizzjoni. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President

Nru. 983 datata 11 ta' Novembru 2006 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2016_0877_3 (HAA 173/2014).

(11) Blokk, magħruf bħala Blokk A3 li jikkonsisti f'sitt *flats* u sit wieħed, li minnhom erba' qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq Vincenzo Ciappara, Mellieħa. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ ma' Triq Vincenzo Ciappara u mill-Majjistral u mill-Grigal ma' spazju miftuħ pubbliku. Il-*flats* enumerati 4 u 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 69280 u 69282 rispettivament u s-sit jinsab reġistrat mal-Gvern bħala *Tenement* bin-numru 96095. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50222 portion 14 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK A3" fuq il-pjanta P.D. 2016_0842 (HAA 77/2016).

(12) Blokk, magħruf bħala Blokk B2 li jikkonsisti f'seba' *flats*, li minnhom tnejn qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq Vincenzo Ciappara, Mellieħa. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral u mill-Grigal ma' passaġġ pubbliku u mil-Lbiċ ma' Triq Vincenzo Ciappara. Il-*flat* enumerat 1A jinsab reġistrat mal-Gvern bħala *Tenement* bin-numru 70109, il-*flats* enumerati 1 u 2 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 70110 u 70111 rispettivament u l-*flats* enumerati 4 u 5 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 70113 u 70114 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50222 portion 5 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK B2" fuq il-pjanta P.D. 2016_0962 (HAA 79/2016).

(13) Blokk, magħruf bħala Blokk A2 li jikkonsisti f'sitt *flats*, li minnhom tlieta qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq il-Gzari, Mosta. Dan il-blokk imiss mil-Lvant ma' Triq il-Gzari, mit-Tramuntana ma' Triq it-Trinċetta u min-Nofsinhar ma' spazju miftuħ pubbliku. Il-*flats* enumerati 2, 4 u 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 70771, 70773 u 70775 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 6/75 datat 15 ta' Jannar 1975 fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK A2" fuq il-pjanta P.D. 2016_0933 (HAA 52/2013).

(14) Blokk, magħruf bħala Blokk A1 Entratura B li

VERŻJONI ELETTRONIKA

jikkonosisti f'sitt *flats*, li minnhom erbgħa qed jiġu eskluży mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq id-Dawr, Mosta. Dan il-blokk imiss mill-Punent ma' Triq id-Dawr, mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern u min-Nofsinhar ma' Triq l-Istiratur. Il-*flats* enumerati 1 u 3 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 70764 u 70766 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 91/75 datat 26 ta' Marzu 1975 fl-atti tan-Nutar A. Grech u fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 84038 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK A1" fuq il-pjanta P.D. 2016_0946 (HAA 238/2012).

(15) Blokk, magħruf bħala Blokk C3 li jikkonsisti f'sitt *flats*, li minnhom tnejn qed jiġu eskluży mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq il-Gradiljoli, Mosta. Dan il-blokk imiss mil-Lvant ma' Triq il-Gradiljoli, mit-Tramuntana ma' Triq l-Istiratur u min-Nofsinhar ma' passaġġ pubbliku. Il-*flats* enumerati 2 sa 5 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 72392 sa 72395. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 7/75 datat 15 ta' Jannar 1975 fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK C3" fuq il-pjanta P.D. 2016_0996 (HAA 87/2016).

(16) Blokk, magħruf bħala Blokk C4 li jikkonsisti f'sitt *flats*, li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li kien diġà trasferit b'avviż legali preċedenti, fi Triq il-Planeċ, Mosta. Dan il-blokk imiss mil-Lvant ma' Triq il-Planeċ, min-Nofsinhar ma' Triq id-Dawr u mit-Tramuntana ma' passaġġ pubbliku. Il-*flats* enumerati 1 u 2 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 72397 u 72398 rispettivament u l-*flats* enumerati 4 sa 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 72400 sa 72402. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 7/75 datat 15 ta' Jannar 1975 fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK C4" fuq il-pjanta P.D. 2016_0995 (HAA 148/2014).

(17) Blokk, magħruf bħala Blokk C5 li jikkonsisti f'sitt *flats*, li minnhom tlieta qed jiġu eskluży mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq il-Gradiljoli, Mosta. Dan il-blokk imiss mil-Lvant ma' Triq il-Gradiljoli, min-Nofsinhar ma' Triq id-Dawr u mit-Tramuntana ma' passaġġ pubbliku. Il-*flat* enumerat 3 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala *Tenement* bin-numru 72405 u l-*flats*

enumerati 5 u 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 72407 u 72408 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 7/75 datat 15 ta' Jannar 1975 fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK C5" fuq il-pjanta P.D. 2016_0985 (HAA 149/2014).

(18) Dar bin-numru 29 (Nru. 19), Triq il-Ħannieqa, Għaxaq (Tenement Nru. 69998 - HAA 451/2016).

(19) Blokk, magħruf bħala Blokk A Unit 1 li jikkonsisti f'sitt *flats* u kamra waħda, li minnhom tnejn qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq is-Sorijiet, Raħal Ġdid. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern, mill-Grigal ma' Triq il-Knisja u mill-Majjistral ma' Triq is-Sorijiet. Il-*flats* enumerati 1 u 2 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 62170 u 62171 rispettivament, il-*flats* enumerati 4 u 5 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 62173 u 62174 u l-kamra tinsab reġistrata mal-Gvern bħala *Tenement* bin-numru E20713. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50988 portion 2 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK A" fuq il-pjanta P.D. 90_81_2 (HAA 34/2016).

(20) Blokk, magħruf bħala Blokk B Unit 1 li jikkonsisti f'sitt *flats*, li minnhom tnejn qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq is-Sorijiet, Raħal Ġdid. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ ma' Triq Ġuże' D'Amato, mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Majjistral ma' Triq is-Sorijiet. Il-*flats* enumerati 1 sa 3 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 62176 sa 62178 u l-*flat* enumerat 5 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala *Tenement* bin-numru 62180. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50988 portion 2 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK B" fuq il-pjanta P.D. 90_81_3 (HAA 99/2015).

(21) Blokk, magħruf bħala Blokk C Unit 1 li jikkonsisti f'sitt *flats*, li minnhom tnejn qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq il-Knisja, Raħal Ġdid. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ u mill-Majjistral ma' passaġġ pubbliku u mill-Grigal ma' Triq il-Knisja. Il-*flats* enumerati 1 u 2 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 62182 u 62183 rispettivament u l-*flats* enumerati 4 u 5 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala

VERŻJONI ELETTRONIKA

Tenements bin-numri 62185 u 62186 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50988 portion 2 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK C" fuq il-pjanta P.D. 90_81_4 (HAA 33/2016).

(22) Blokk, magħruf bħala Blokk D Unit 1 li jikkonsisti f'sitt *flats*, li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li kien diġà trasferit b'avviż legali preċedenti, fi Triq Ġuże' D'Amato, Raħal Ġdid. Dan il-blokk imiss mix-Xlokk u mill-Majjistral ma' passaġġ pubbliku u mil-Lbiċ ma' Triq Ġużè D'Amato. Il-*flats* 1 u 2 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 62188 u 62189 rispettivament u l-*flats* enumerati 4 u 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 62191 u 62193. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50988 portion 2 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK D" fuq il-pjanta P.D. 90_81_5 (HAA 35/2016).

(23) Blokk, magħruf bħala Blokk E Unit 1 fi Triq il-Knisja, Raħal Ġdid, li jikkonsisti f'sitt *flats* li jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 62194 sa 62199. Dan il-blokk imiss mix-Xlokk u mill-Majjistral ma' passaġġ pubbliku u mill-Grigal ma' Triq il-Knisja. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50988 portion 2 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK E" fuq il-pjanta P.D. 90_81_6 (HAA 36/2016).

(24) Blokk, magħruf bħala Blokk F Unit 1 fi Triq Ġużè D'Amato, Raħal Ġdid, li jikkonsisti f'sitt *flats* li jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 62200 sa 62205. Dan il-blokk imiss mix-Xlokk u mill-Majjistral ma' passaġġ pubbliku u mil-Lbiċ ma' Triq Ġużè D'Amato. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50988 portion 2 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK F" fuq il-pjanta P.D. 90_81_7 (HAA 98/2015).

(25) Blokk, magħruf bħala Blokk I Unit 1 fi Triq Ġużè D'Amato, Raħal Ġdid, li jikkonsisti f'sitt *flats* li jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 62222 sa 62229. Dan il-blokk imiss mix-Xlokk ma' Triq it-Tempji Neolitiċi, mill-Majjistral ma' passaġġ pubbliku u mil-Lbiċ ma' Triq Ġużè D'Amato. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50988 portion 2 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK I"

VERŻJONI ELETTRONIKA

fuq il-pjanta P.D. 90_81_8 (HAA 97/2015).

(26) Blokk, magħruf bħala Blokk J Unit 1 li jikkonsisti fi tmien *flats*, li minnhom sitta qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq il-Knisja, Raħal Ġdid. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern u mix-Xlokk ma' Triq it-Tempji Neolitiċi. Il-*flats* enumerati 1 u 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 62230 u 62237 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50988 portion 2 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK J" fuq il-pjanta P.D. 90_81_9 (HAA 37/2016).

(27) Dar bin-numru 2, Triq l-Akaċja, San Ġwann (Tenement Nru. 67311 - HAA 142/2014).

(28) Blokk, magħruf bħala Binja Hesri Entratura A li jikkonsisti f'sitt *flats*, li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li kien diġà trasferit b'avviż legali preċedenti, fi Triq Salvatore Mallia, Siġġiewi. Dan il-blokk imiss mit-Tramuntana u mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Punent ma' Triq Salvatore Mallia. Il-*flats* enumerati 1 sa 5 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 78347 sa 78351. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50641 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 248_91_19. (HAA 74/2016).

(29) Blokk, magħruf bħala Binja Hesri Entratura B li jikkonsisti fi tmien *flats*, li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li kien diġà trasferit b'avviż legali preċedenti, fi Triq Salvatore Mallia, Siġġiewi. Dan il-blokk imiss mill-Punent ma' Triq Salvatore Mallia, min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Majjistral ma' Triq Dun Anton Vella. Il-*flats* enumerati 1 sa 4 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 78353 sa 78356 u l-*flats* enumerati 6 sa 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 78358 sa 78360. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50641 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 248_91_18. (HAA 74/2016).

(30) Blokk, magħruf bħala Binja Hesri Entratura D li jikkonsisti f'sitt *flats*, li minnhom tnejn qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq Dun Anton Vella, Siġġiewi. Dan il-blokk

VERŻJONI ELETTRONIKA

imiss mil-Lbiċ u mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Majjistral ma' Triq Dun Anton Vella. Il-*flats* enumerati 1 u 2 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 77198 u 77199 rispettivament u l-*flats* 4 u 5 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 77201 u 77202 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50641 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 248_91_14. (HAA 34/2011).

(31) Blokk, magħruf bħala Binja Hesri Entratura E li jikkonsisti f'sitt *flats* u sit wieħed fi Triq Dun Anton Vella, Siġġiewi. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ u mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Majjistral ma' Triq Dun Anton Vella. Il-*flats* enumerati 1 sa 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 77204 sa 77209 u s-sit jinsab reġistrat mal-Gvern bħala *Tenement* bin-numru E26322. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50641 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 248_91_15. (HAA 228/2011).

(32) Blokk, magħruf bħala Binja Hesri Entratura F fi Triq Dun Anton Vella, Siġġiewi li jikkonsisti f'sitt *flats* li jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 77210 sa 77215. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ u mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Majjistral ma' Triq Dun Anton Vella. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50641 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 248_91_13. (HAA 123/2013).

(33) Blokk, magħruf bħala Binja Hesri Entratura G fi Triq Dun Anton Vella, Siġġiewi li jikkonsisti f'sitt *flats* li jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 77216 sa 77221. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ u mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Majjistral ma' Triq Dun Anton Vella. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50641 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 248_91_16. (HAA 76/2016).

(34) Blokk, magħruf bħala Binja Hesri Entratura H li jikkonsisti f'sitt *flats*, li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li kien diġà trasferit b'avviż legali preċedenti, fi Triq Dun Anton Vella, Siġġiewi. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern, mill-Grigal ma' proprjetà tal-Awtorità tad-Djar jew tas-suċċessuri tagħha fit-

VERŻJONI ELETTRONIKA

titolu u mill-Majjistral ma' Triq Dun Anton Vella. Il-*flats* enumerati 1 u 2 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 77222 u 77223 rispettivament u l-*flats* enumerati 4 sa 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 77225 sa 77227. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50641 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 248_91_17. (HAA 251/2012).

(35) Blokk, magħruf bħala Blokk 5 Entratura 1 li jikkonsisti fi tmien *flats*, li minnhom tlieta qed jiġu esklużi mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq Ħal Luqa, Tarxien. Dan il-blokk imiss min-Nofsinhar ma' passaġġ pubbliku li jagħti għal Triq Ħal Luqa, mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Punent parti ma' Triq tax-Xewk u parti ma' proprjetà tal-Gvern. Il-*flats* enumerati 1 u 4 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 64665 u 64668 rispettivament u l-*flats* enumerati 6 sa 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 64670 sa 64672. Dan il-blokk jinsab akkwistata b'Kuntratt Nru. 30/61 u b'Kuntratt Nru. 31/61 it-tnejn datati 21 ta' Jannar 1961 fl-atti tan-Nutar H. Borg u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2016_1078 (HAA 67/2016).

(36) Blokk, magħruf bħala Blokk 5 Entratura 2 li jikkonsisti fi tmien *flats*, li minnhom tlieta qed jiġu esklużi mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq Ħal Luqa, Tarxien. Dan il-blokk imiss mix-Xlokk ma' passaġġ pubbliku li jagħti għal Triq Ħal Luqa, mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Majjistral ma' Triq tax-Xewk. Il-*flats* enumerati 2 u 4 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 64674 u 64676 rispettivament, il-flats *enumerati* 6 sa 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* 64678 sa 64680. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata b'Kuntratt Nru. 30/61 u b'Kuntratt Nru. 31/61 it-tnejn datati 21 ta' Jannar 1961 fl-atti tan-Nutar H. Borg u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2016_1079 (HAA 101/2011).

(37) Blokk, magħruf bħala Blokk Nru. 2 li jikkonsisti f'sittax-il *flat*, li minnhom tmienja qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq il-Mediterran, Valletta. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Awtorità tad-Djar jew tas-suċċessuri tagħha fit-titolu, mill-Grigal ma' spazju miftuħ aċċessibbli minn Triq San Duminku u mix-Xlokk ma' Triq il-Mediterran. Il-*flats* enumerati 2, 6, 8 u 13 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala

VERŻJONI ELETTRONIKA

Tenements bin-numri 63013, 63017, 63019 u 63024 rispettivament, l-*flats* enumerati 10 u 11 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 63021 u 63022 rispettivament u l-*flats* enumerati 15 u 16 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri X51795 u X51796 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern mikrija għal aktar minn 30 sena u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block No. 2" fuq il-pjanta P.D. 2016_0888. (HAA 65/2016).

(38) Blokk, magħruf bħala Blokk Nru. 178 li jikkonsisti f'erbatax il-*flat*, li minnhom sitta qed jiġu eskluż mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, u garaxxijiet sottostanti fi Triq San Kristofru, Valletta. Dan il-blokk imiss mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Awtorità tad-Djar jew tas-suċċessuri tagħha fit-titolu, mill-Grigal ma' spazju miftuħ aċċessibbli minn Triq San Duminku u mil-Lbiċ ma' Triq San Kristofru. Il-*flats* enumerati 1 sa 4 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 62984 sa 62987, il-*flats* enumerati 6 u 10 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 62989 u 62993 rispettivament u l-*flats* enumerati 13 u 14 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri X51801 u X51802 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern mikrija għal aktar minn 30 sena u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block No. 178" fuq il-pjanta P.D. 2016_0788. (HAA 66/2016).

(39) *Flat* 1 (Nru. 33), Misraħ San Ġorġ, Rabat, Għawdex (Tenement Nru. Z60132 - HA 9/84).

(40) *Flat* 2 (Nru. 32), Misraħ San Ġorġ, Rabat, Għawdex (Tenement Nru. Z60133 – HA 87/83).